IL-PORTAL

SILTIET STORIĊI MIĠJUBA MINN
Heritage Malta Publishing

# Il-Vapur t'Għawdex isorġi ċ-Ċirkewwa...

## Il-Jylland kellu bla mistenni jitrakka għall-ewwel darba mal-moll li għadu qed jinbena fiċ-Ċirkewwa. Dan peress li l-Calypso Land kellu jibqa' sorġut mal-moll tal-Marfa minħabba ħsarat tekniċi.




Kortesija: Dipartiment tal-Informazzjoni

## Il-bini tal-breakwater u tal-moll fil-ponta taċ-Ċirkewwa qiegħed joqrob lejn it-tlestija.

Il-breakwater u l-moll fiċ-Ċirkewwa bdew jinbnew fl-1974. Dawn ser jieħdu post il-moll tal-Marfa. Il-faċilitajiet il-ġodda ta' trakkar fil-ponta taċ-Ċirkewwa joffru numru ta' vantaġġi, b'mod partikulari t-tqassir tat-traġitt bejn Malta u Għawdex. Is-sikka tawwalija li nsibu hawn qed tħaffef ferm il-bini tal-breakwater f'dan il-post miftuħ. Qiegħed jinħoloq ukoll fanal li huwa mixtieq ħafna mill-baħħara li jbaħħru l-fliegu wara nżul ix-xemx.

Kif mistenni, dan il-proġett qed jikkonsma ammont kbir ta' radam li qed jinġieb mill-inħawi tal-Għadira u minn barriera li nfetħet fit-triq il-qadima li tagħti għall-Marfa. Dan il-breakwater se jkun qed joffri kenn mill-Punent u l-Majjistral, l-aktar żewġt irjieħ frekwenti u insidjużi għat-tbaħħir bejn il-gżejjer.

**3 ta' Novembru 1976**